MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 2032/2003

**Perit Angelo Emanuele Bianco**

**Vs**

**Mario u Victoria Blackman**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Ottubru 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta mija u hames liri (LM105) bilanc ta servizzi professjonali li ghadu dovut in konnessjoni mal-fond 109B Triq San Guzepp, Hamrun.

Ra r-risposta tal-konjugi Blackman prezentata fit-30 ta Jannar 2004 fein ecceppew il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikoli 2149 © u 2130 (i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta oltre b’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi fis-seduta tat-12 ta Dicembru 2005 il-konvenuti tramite l-konsulent legali taghhom irtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u fl-istess jum ipprezentaw eccezzjoni ulterjuri fejn ikkontestaw it-talba tal-attur stante pagament ghas-saldu.

Ra l-provi prodotti miz-zewg nahat u d-dokumenti minnhom esebiti.

Sema t-trattazzjoni verbali tal-abbli difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra.

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuti tinsab bazikament fil-fatt illi huma qed jallegaw li kienu hallsu lill-attur ghas-saldu tas-servizzi minnu rezi permezz ta cheque fl-ammont ta Lm184 pagabbli lill-istess attur datat 15 ta April 2001. Illi dan l-argument skond l-istess attur huwa msahhah mill-fatt li fuq in-naha ta wara tac-cheque hemm imnizzel “in full and final settlement” liema cheque jinsab esebit u markat Dok MB1. Illi l-konvenuti jkomplu jsibu konfort f’dan l-argument taghhom billi kkwotaw diversi sentenzi indikati fin-nota ta referenza taghhom datata 11 ta Mejju 2006.

Illi da parti tieghu l-attur jargumenta li l-imsemmi pagament kien dovut lilu bhala refuzjoni ta flus li huwa kien hallas lil Perit Johann Farrugia u difatti ic-cheque in kwistjoni kien intbaghat ma dak il-kont partikolari ta talba ghal refuzjoni ta flus mahruga mill-attur u ma kienx akkumpanjat ma xi covering note li jispjega li qed jithallas ghas-saldu ta kul dritt professjonali dovut lill-istess attur. Illi ghalhekk tali refuzjoni ta flus fl-ammont ta Lm184 ma ghandu x’jaqsam xejn mat-talba odjerna ta Lm105 dovuta lill-Perit attur personalment ghas-servizzi minnu rezi.

Il-konvenut Mario Blackman fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-attur kien bghatu ghand il-Perit Farrugia u dana sahansitra qabel ma kien lahaq hallsu. Illi jirrizulta wkoll li skond l-ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuti esebita u markata Dok MB2, l-istess konvenuti qed jaqblu

u jammettu l-fatt li l-ammont imhallas ta Lm184 kien intiz bhala refuzjoni ta flus imhallsa mill-attur lill-Perit Farrugia u mhux ta flus dovuta lill-istess attur. “*Is-somma ta Lm184 li inti hallast lill-AIC Johann Farrugia giet lilek refuza”* Illi ghalhekk in vista ta dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuti ma jistghux juzufruwixxu mill-fatt li kitbu “in full and final settlement” fuq il-warrani ta l-imsemmi cheque b’referenza ghal dak minnhom dovut lill-attur peress li kienu jafu li tali ammont kienu realment id-drittijiet dovuta lill-Perit Farrugia u mhux lill-Perit Attur kif ukoll jidher minn Dok AB4 mahrug fuq letter head tal-Perit Farrugia. Illi ghalhekk l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta Lm93.50 kif jidher minn Dok AB3 u spjegat mill-istess attur bil-gurament tieghu baqghu ma qatt ma thallsu mill-konvenuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici pero dan limitatament fl-ammont ta tlieta u disghin lira u hamsin centezmu (Lm93.50) u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta Lm93.50 bl-imghax legali dekorribbli mill-11 ta Ottubru 2001 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu lkoll sopportati mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------